VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,570, 9 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 155 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jirrikjedix mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Archaeological Practice - M.A.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Archaeological Practice - P.G.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom il-grad ta' Bachelor of Arts in Archaeology miskub tal-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III, jew grad minn din l-Università jew università oħra li l-Bord iqis komparabbli.

(2) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw fil-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli jitħabbar mill-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(3) Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż tagħhom jiġi ppubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifika tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(4) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord ikun magħmul minn tal-anqas tliet membri.

(5) Għall-iskop tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom, kif stipulati f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament ikunu miksuba sal-31 t'Awwissu qabel il-bidu tal-Kors għandhom jitqiesu l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*, jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time,* u għandu jinkludi wkoll tagħlim u taħriġ ta' prattika professjonali li jsir matul il-perijodu tas-sajf.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 55 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma, 5 kretti assenjati għat-tagħlim u taħriġ ta' prattika professjonali u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. L-istudenti kollha huma meħtieġa li jieħdu tagħlim u taħriġ ta' prattika professjonali obbligatorju f'istituzzjoni approvata mill-Bord, kif indikat fil-programm ta' studju.

7. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u għat-taħriġ ta' prattika professjonali b'marka medja ta' mill-anqas 50% għal dawk it-taqsimiet studju li huma mogħtija marka/grad, u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

VERŻJONI ELETTRONIKA

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni mis-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għal taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

(4) It-taqsima studju għat-tagħlim u taħriġ ta' prattika professjonali jkollha valutazzjoni fuq bażi ta' Għadda/Weħel. L-istudenti li ma jtemmux, jew jeħlu mill-valutazzjoni tat-taqsima studju għat-tagħlim u taħriġ ta' prattika professjonali, ikunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

(5) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u għat-tagħlim u taħriġ ta' prattika professjonali b'marka medja ta' mill-anqas 65% għal dawk it-taqsimiet studju li għalihom jiġu mogħtija marka/grad, jitħallew li jipproċedu bit-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa li jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

11. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Is-superviżuri għandhom jibagħtu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jestendu l-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.